KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 71**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tlieta, 8 ta' Awwissu 2023

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum t-Tlieta, 8 ta' Awwissu, 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 71.1 Talba

71.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 71.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

71.2 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 71.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 69 u 70

71.3.1 Il-Viċi Sindku rrefera għal numru 69.5.1, fejn talab li tiġi riveduta biex tgħid li wifi ma kienx qed ikun fil-ġenb u fuq wara tal-kappella u għalhekk tkellem ma tal-MITA biex jaraw jistax isir access point ieħor in-naħa ta' wara tal-kappella.

Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għamlet referenza għall-punt numru 69.5.14 fejn talbet li għandha titniżżel li kienet hi li ssuġġeriet li Connette għandha tattendi għal-laqgħa ma Transport Malta dwar il-petizzjoni tal-buses. Is-Sindku qal li kien hu li ssuġġerixxa hekk. Ġie maqbul li tiġi emendata u jitniżżlu t-tnejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li il-minuti ma humiex transcripts imma għandhom jirriflettu biss dak li ġie diskuss flimkien mad-deċizzjoni li l-kunsill ikun ħa. Ma huwiex aċċettabbli li jkollna minuti ta' tmintax il-page fejn kulħadd irid li jinkiteb x'qal wieħed jew x'qal l-ieħor. Għalhekk il-minuti se jibdew jinkitbu kif suppost ikunu.

## 71.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

71.4.1 Is-Sindku semma li matul dan ix-xahar kien hawn żewġ delegazzjonijiet li żaru lill-Qala filwaqt li delegazzjoni mill-Kunsill tal-Qala żar pajjiż ieħor.

71.4.2 Ġew organizzati żjarat minn Canale Monterano u anka mill-Banda ta' Salina, żjarat li kienu jinvolvu orginizzazzjoni għall-akkomodazzjoni, ikel, tours, konferenzi, transport u ħafna aktar. Il-grupp ta' Canale Monterano kien jikkonsisti minn żgħażagħ filwar li attendew ukoll membri mill-Ungerija. L-ispejjeż relatati ma din iż-żjara ta' Canale Monterano hija parti mill-programm Nessie, u għalhekk setgħat issir b'fondi ewropej.

Il-membri tal-banda ta' Salina li ġew izuruna kienu ġejjin minn tlett irħula, tnejn minn Sqallija Frazziano, Torrenove u Salina.

Is-Sindku żid jgħid li flimkien mall-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Valerie C. Mejlak żaru r-Repubblika Ċeka fuq stedina mis-Sindku ta' Visnoce fejn attendew għall-konferenza

flimkien ma rapreżentanti minn pajjiżi oħra. Għal dan il-vjaġġ, il-Kunsill ħallas il-biljetti tal-ajru u l-kumplament ġew koperti b'fondi ewropej mill-kunsill ta' Visnove.

71.4.3 Is-Sindku semma li waqt iż-żjara tal-grupp ta' Canale Monterano, għall-ewwel darba l-kunsill organizza attivita' fuq il-Belveder bl-isem, Lejla Għawdxija'. Is-Sindku irringrazzja lIs-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill talli fi żmien qasir ħafna ġiet organizzata din l-attivita' li fiha ippartċipaw diversi Qalin billi esibixxew l-artiġjana tagħhom. Il-fondi għal din l-attivita ġew ko-finanzjati mid-dipartiment tal-gvern lokali.

71.4.4 Is-Sindku kompla jgħid dwar it-tindif tal-pjazza li sar qabel u wara l-festa sabiex nassiguraw li l-pjazza tinżamm nadifa. Sar ukoll il-bexx ta' kontra l-insetti fil-pjazza. Għamel ir-ringrazzjamenti tiegħu għall-kuntrattur li ħadem sabiex il-pjazza tkun nadifa wara kull attivita'. Irringrazzja wkoll lil Bishnu li ħadem sabiex it-toilets jinżammu nodfa, kif ukoll lill Ministeru Għal Għawdex talli ssupplixxa l-ilma għat-tisqija kif ukoll is-sweeper għat-tindif tat-toroq.

71.4.5 Ġew miżbura s-siġar tal-palm ta' ħdejn il-Kunsill kif ukoll ta triq il-Kunċizzjoni. Sar it-tindif madwar il-ġebla il-wieqfa, fi Ġnien il-Familja, quddiem il-kunsill u anka ta' triq l-Imġarr.

71.4.6 Hdimna flimkien mall-paroċċa sabiex tul il-jiem tal-festa ittellgħu attivitajiet differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed tippreżenta rendikont tal-attivitajiet kollha li magħhom ikkalobarajna.

71.4.7 Tqassmu l-brieret lit-tfal matul Festa Tfal u ntlaqgħu tajjeb ħafna.

71.4.8 L-għaqda Briju San Ġużepp komplew bil-ħidma sabiex ittella l-arblu l-kbir fir-roundabout tal-Qala.

71.4.9 Dan ix-xahar żżammett ukoll l-attivita' ta' Hondoq by Night u l-Kunsill ikkolabora flimkien mal-club tal-football sabiex din setgħat issir.

71.4.10 Il-Kunsill għen ukoll fil-loġistika nvoluta mal-attivita' Car Show li saret b'risq Puttinu Cares.

71.4.11 Twaħħlu t-traps tal-hornet madwar il-Qala. Twaħħet ukoll mera fi Triq il-Kunċizzjoni minħabba li l-kunsill irċieva diversi lmenti minn sewwieqa li joħorġu minn Triq it-30 ta' Ottubru biex ikunu jistgħu jaraw l-karozzi li ġejjin min naħa ta' isfel. Il-ħaddiema tal-kunsill naddfu wkoll il-mirja kollha li hemm mifruxin madwar ir-raħal. Hadmu wkoll biex partijiet mill-moll ta' Hondoq, l-parti ta' fejn jaqbżu n-nies ġie bbatmat bis-ciment kif ukoll ġew ippeċjati diversi toqob fiż-żona ta' Hondoq.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

71.4.12 Fuq talba tal-Kunsill, sar ir-refreshing tas-sinjali tat-traffiku mill-MGOZ. Ser nieħdu ħsieb biex tingħalaq Triq is-Simar matul il-lejl sabiex jintlew il-ħofor bis-ciment u b'hekk jilħaq jinxef.

71.4.13 Bdew il-preparazzjonijiet għal-QIFF. Wara l-QIFF is-Sindku ppropona ħarġa għal Malta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

71.4.14 Ltqajna mall-uffiċċjali tal-edukazzjoni fejn ġiet diskussa l-kmara li kienet tintuża bħala berġa. Ser jinfetaħ bieb fil-ġenb għal dawk l-istudenti i ser jużaw il-kamra għall-crafts. Se jitranġa wkoll it-toilets li hemm biex jkun għall-użu ta' min jattendi.

71.4.15 Il-Kunsill qed jilqa r-reġistrazzjonijiet għal-kors tal-macrame. L-applikazzjoni għall-security cameras fit-toroq tal-Qala ntbgħatet u qed tiġi evalwata. L-applikazzjoni għal-automated toilets fil-Public toilets ta' Triq 28ta' April intbgħatet ukoll u nistennew li nirċievu mir-Reġjun.

71.4.16 Il-Kunsill għamel komunikazzjoni mall-awtoritajiet dwar il-proċess ħalli l-playing field jiġi espropjeta u hekk tiġi f'idejn il-kunsill ħalli nkunu nistgħu nirranġawa kif jixraq. Nfakkar li kellna kollox ordnat u lest biex nibdew ix-xogħol aktar minn erba' snin ilu iżda ma stajniex inkomplu minħabba din il-problema.

71.4.17 Il-Kunsill tal-Qala flimkien mal-kunsilli l-oħra ma għadhomx bil-kuntratt tal-ELC. Il-kumpanijia li daħlet flok l-ELC ma hix responsabbli mill-kunsilli u għalhekk bħala kunsill qed nagħmlu minn kollox biex nippruvaw inżommu r-roundabouts, belvedere etc. fi stat tajjeb. Għal belvedere tqabbad kuntrattur iħawwel ix-xtieli kif ukoll isaqqi għal ċertu żmien però peress li qed issaqi madwar il-Qala kollha kellu problema biex ilaħħaq. Huwa ferm diffiċli li żżomm ġnien ħaj bit-temeperatura li għandna.

71.4.18 Is-Sindku semma l-ilma ġieri li hemm f'toqba int u nieżel Hondoq li tinsab fi Propjeta privata. Staqsa jekk il-Kunsill jaqblux li ssir ġiebja taħt it-triq li hemm ħalli l-pubbliku jkun jista jimla l-ilma minn hemm u informa lill-membri li kien kellem perit dwarha. Staqsa jekk fil-prinċipju l-kunsill jaqbilx. Il-membri ddiskutew u talbu li l-ewwel jingħataw l-parir mingħand esperti fil-qasam bħal perit biex jaraw jekk din il-ġiebja tkunx ta' benefiċċju għal kulħadd u jingħataw spjega tajjeb tal-proġett. Wara jkunu f'pozizzjoni li jgħidu jekk jaqblux jew le. Għalhekk is-Seg. Eżekuttiv se tieħu ħsieb li titkellem ma Perit.

71.4.19 Hemm ċint imwaqqgħa fi Triq Barbaġan li ilu li sar tlett snin però xi persuni ħadu l-kantuni minnu u l-oħrajn ntefgħu għal isfel. Il-Kunsill reġa ġab il-kantuni però minħabba li żewġ impjegati tal-kunsill li kienu jagħmlu dan it-tip ta' xoġġol irtiraw, l-Kunsill se jkun qed jara kif dan jista jinbena.

Is-Sur Leli Bartolo iritra u għalhekk temm il-karriera tiegħu ta' 22 sena mal-kunsill. Privatament irringrazzjajtu u nixtieq ukoll nirringrazzjah pubblikament tas-servizz li ta' lill-Kunsill tal-Qala.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

71.4.20 Biex tiġi kommemorata World Clean Up day, il-grupp Keep Qala Clean ser jagħmel clean up fiż-żona tan-Nigret għal nofs Settembru. Kulħadd huwa mistieden.

71.4.21 It-talbella Welcome to Qala tressqet ħdejn Salib it-Toroq. Tlabt ukoll sabiex tinbidel u ssir oħra ġdida.

71.4.22 L-Onorevoli Ministru tas-Saħħa, Chris Fearne għamel vista fiċ-ċentru tas-saħħa li se jsir fil-Pjazza tal-Qala. Infurmawna li t-target date li tinfetaħ huwa Ottubru.

71.4.23 Il-Ġimgħa saru l-interviews sabiex jiġi ngaġġat skrivan fl-uffiċċju tal-kunsill minħabba li RoseAnne qed taħdem bir-reduced hours u ninsabu bi skrivana waħda. Sakemm il-proċess jiġi fi tmiemu, il-Kunsill ta *Contract for Service* lil Rennee Abela biex jgħin għal ftit xhur. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

71.4.24 Għada se ssir it-tieni train ride b'xejn għar-residenti peress li fi ftit minuti nħatfu l-biljetti għat-train ride li saret it-Tnejn.

71.4.25 Is-Sindku semma r-rebħa kbira għall-Qala, li kellna l-ġimgħa l-oħra, dik li Hondoq ir-Rummien huwa salvat minn kwalunkwe żvilupp. Il-Qorti tal-appell ta' deċiżjoni li ma laqx l-appell għalhekk sa fl-aħħar l-applikazzjoni għal-proġett mostruż ġewwa ħondoq ġiet magħluqa. Kienet ġlieda ta' 22 sena, kienu bosta nies li matul is-snin ħadmu biex din il-bajja ma tiġi stuprata. Ma kinitx battalja faċli speċjalment meta fil-maġġorparti tkun qed tissielet mhux biss ma l-iżviluppaturi iżda ma l-id moħbija ta' dawk li minn wara l-kwinti jkunu qed jibbakjawhom saħansitra dawn ġieli jkunu dawk li mingħalik huma qed jappoġjawk. Semma li pubblikament ma rringrazzja lil ebda individwu jew għaqda għax kienu ħafna ħafna li għenu u għalhekk ma xtaqx li jħalli lil xi ħadd barra. Irringrazzja lil tlett individwi biss li illum m'għadhomx magħna għax ħadmu ħafna qrib tiegħu għal snin twal u ħass li ħaqqhom li min isemmihom. Dawn huma Dun Lawrenz Theuma, Dun Anton Sultana u Ġużepp Portelli.

Żid jgħid li kellu laqgħa mall-Prim Ministru Dr. Robert Abela, fejn assigurah li żvilupp f'Hondoq ma jsir qatt. Fil-fatt pubblikament qal li ta struzzjonijiet biex isir l-analiżi meħtieġa rigward Planning. Is-Sindku kompla jgħid li se jkompli jinsisti biex l-art tiġi f'idejn il-gvern bħal ma kienet fis-70's. Qal ukoll li min dejjem qal li hemm għandu jsir park għal pubbliku u se jieqaf jiġġieled għal-ħolma tiegħu meta jara dan iseħħ.

Irringrazzja lill-Kunsilliera preżenti u lil kull Sindku u Kunsillier li tul dawn it-22 sena ħadem u ta' l-appoġġ tiegħu/tagħha biex din il-ħolma li Hondoq jibqa tal-pubbliku saret realta'. Qal ukoll li talab lil Dr. Bonello biex tibgħatilna l-kont finali tagħha.

Semma li l-akbar ringrazzjament imur lill-martu u lill-familja tiegħu għas-support kbir u kontinwu tagħhom, speċjalment minħabba tbatijiet u diffikultajiet li għaddew minnhom flimkien bħala familja minħabba din is-saga.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 71.6 Reviżjoni tal-applikazzjoni għall-Proġett Green

71.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex dan il-punt jiġi diskuss qabel punt 71.5 minħabba li kien ġie l-Perit.

Il-Perit semma li wara li tkellimna fil-laqgħa preċedenti u fuq suġġerimenti tal-kunsill li naħdmu wkoll fuq il-parti ta' fuq. Il-Perit ura d-desinn oriġinali u spjega x'kienet tinvolvi l-applikazzjoni oriġinali, liema applikazzjoni ma ġietx milqugħa minn Proġett Green. Il-Kunsilliera Karl u Valerie semmew li l-Kunsill qatt ma kien infurmat dwar din l-applikazzjoni ħlief b'dak li ġew nfurmati f'dawn l-aħħar laqgħat riċenti. Is-Sindku stqarr li kienu tressqu laqgħa. Il-Perit semma li Proġett Green ma riedux bini ta' konkos minħabba li kien fiha l-ġibja u talbu li tiġi riveduta l-applikazzjoni. Il-Perit issuġġerixxa li għandhu jinqasam il-proġett. Il-biċċa ta' isfel, fejn isir aktar enfasi fuq il-playing area, jitneħħew il-ħitan u b'hekk il-play area toħroġ ftit aktar il-barra, napplikaw għalihom through PDF Funds.

Fil-Proġett Green, fil-parti ta' isfel; se jinvolvi fih siġar u ftit landscape areas u pathways. Fil-parti ta' fuq tiġi żviluppata f'natural garden, l-art tkun mulch flooring, jsiru siġar, bandli bi play structures naturali u pitch tal-boċċi, kollox naturali u xejn artifiċjali. Il-Perit spjega li tajjeb li jiġi disuss ma Project Green il-possibilta' li ssir temperary structure bħala kamra, bħal shading devices. Hemm opportunita li nagħmlu gravel, pipijiet u nilqgħu l-ilma.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li ġaladarba l-applikazzjoni oriġinali li kellha BOQ ta' madwar 600K u għalhekk il-Kunsill diġà għamel spejjeż relatati mal-BOQ. Ir-revised application se tinvolvi spiża ferm anqas, u għalhekk issuġġeriet li jekk jaqbel il-Kunsill, issir talba lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex ikopri għad-differenza li ma jkunx ġie approvat la minn Proġett Green u lanqas jaqa taħt it-DPF Funds. Il-Perit qed jipproġetta li t-talba lil Proġett Green issa se tkun ta madwar 200K, u għalhekk jibqa parti mill-proġett li jammonta għal madwar 400K. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak staqsiet dwar x'ġara mil-pannelli tad-dawl li kienu nqalaw u l-Viċi Sindku qal li qegħdin fuq il-bejt tal-Kunsill u ma humiex jintużaw.

Kien hemm qbil unanimu dwar ir-reviżjoni tal-applikazzjoni ma Proġett Green kif ukoll li wara li nkunu nafu l-ezitu tal-applikazzjoni ta' Proġett Green u ta' DPF Funds nressqu t-talba lill-MGOZ għad-differenza tal-fondi sabiex il-proġett kollu jkun jista jsir.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 71.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

Mill-Viċi Sindku Ivan Ċefai:

71.5.1 Referenza għal Triq Lord Strickland, għada ma hi reġistrata fuq ħadd.

71.5.2 Staqsa rigward s-Stop sign li talab fil-laqgħa preċedenti biex issir ftit il-fuq minn tas-Sindku, s-Seg nfurmatu li resqet it-talba lill TM u qed tistenna mingħandhom.

71.5.3 Staqsa dwar il-patching li tressaq il-laqgħa preċedenti. Is-Sindku nfurmah li bħalissa l-ebda kuntrattur ma kellu u llum sar ix-xogħol ħdejn il-każin.

71.5.4 Staqsa dwar is-siġra li hemm il-barra fi Triq ta'Kassja u- li hija tal-Joint Office. Is-Seg. Eżekuttiv se tieħu ħsieb li tkellimhom. Is-Sindku wkoll qal li mit-triq il-barra se tinqata.

71.5.5 Irringrazzja lis-Seg. Eżekuttiv li fi żmien qasir ħadet ħsieb li jsiru l-istickers tat-truck.

71.5.6 L-access point fuq wara tal-knisja tal-blat sar u hekk l-area kollu issa hija koperta bil-WIFI.

71.5.7 Issuġġerixxa li jsiru żewġ tabelli oħra, Merħba Qala fi Triq iż-Żewwieqa u oħra f' Qala Road. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li kieku tajjeb li ssir oħra fi Triq Grunju wkoll.

71.5.8 Informa lil membri li rċieva talba sabiex isir skip fejn il-villaġġ ta' Kassja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill ma jistax jagħmel skips, pero bħala villaġġ jistgħu jagħmlu wieħed privat huma.

71.5.9 Semma li fil-weekend tal-festa minħabba li jkun hemm ħafna toroq magħluqin it-traffiku dam ħafna mwaħħal fi Triq Papa Piju VII. Il-Kunsill qabel li għal sena oħra l-kunsill jpoġġi n-No Parking signs ħalli nevitaw li terġa tiġri din is-sitwazzjoni. Is-Sindku semma wkoll li kieku s-sena d-dieħla jsir l-istess fi Triq il-Forn. Kien hemm qbil dwar dan.

71.5.10 Semma wkoll il-bżonn li jsiru t-tabelli bi fleġġa li tindika minn fejn tird iddur ħdejn ir-roundabout ta' ħdejn il-kunsill kif ukoll ma dik ta' Grunju Street ma Qala Road. Kien hemm qbil dwar dan.

71.5.11 Talab biex jinġabru xi skuk li hemm fi Triq it-Telgħa.

71.5.12 Semma l-problema li t-trukk taż-żibel mhux qed ikun jista jgħaddi minn Triq ta' Ċini. Is-Seg. Eżekuttiv u s-Sindku nfurmawh li qed naħdmu fuqha sew mal-pulizjia kif ukoll ma TM biex jiġi estiż id-double yellow lines li hemm preżentament. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

71.5.13 Ressaq talba għal double yellow line fi Triq Lord Strickland minħabba li qed isibha diffiċli biex jikser għal ġol-garaxx. Kien hemm qbil unanimu u se titressaq talba lil TM. Ressaq talba oħra għad-double yellow lines fi Triq Ġulju minħabba li qed ikun hemm karozzi pparkjati mar-roundabout. Is-Seg. Ezekuttiv wieġbet li t-triq hija ferm wiesa u se jkun diffiċli biex jiġi approvat minn TM.

71.5.14 Semma li tneħħew żewġ bankijiet minn Hondoq, li kienu fejn tal-ERRC u ma reġgħux tpoġġew. Is-Sindku stqarr li ma jafx min neħħihom pero kellem lil Joseph Cauchi mill-Kajselli biex isiru tnejn oħra minħabba li jridu jkunu ta' materjal b'saħħtu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekja dwarhom.

71.5.15 Ressaq it-talba għal żewġ bankijiet ġodda biex jibdlu l-qodma li hemm fi Triq il-Belveder, u li qegħdin quddiem il-familja Xerri. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Mill-Kunsillier Karl Buttigieg:

71.5.16 Semma li hemm xi toqob ħdejn is-Supermarket ta' Benna. Is-Sindku semma li saru llum pero talab biex jiċċekjaw x'baqa xi jsir u jgħidulna.

71.5.17 Hemm ftit bużbiez li tagħti għal daħlet Qorrot li għandu bżonn jinqata.

71.5.18 Semma li l-wifi techmt ta' fil-pjazza mhux jaqbad. Is-Seg. Eżekuttiv, nfurmatu li t-techmt spiċċaw. Is-Sindku semma li nistgħu nitolbu sabiex WIFI4EU jimxi ma ta' Sonia.

71.5.19 Staqsa lis-Sindku dwar x'sehem għandu l-Kunsill fiċ-Ċentru tas-Saħħa. Is-Sindku nfurmah li ma għandu x'jaqsam xejn.

71.5.20 Dwar il-proġett ta' Hondoq, il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li jemmen li dan huwa pass tajjeb għal kulħadd pero' wara li l-Kunsill kien il-magna li għen finanzjarjament għal dan il-każ, il-Kunsill ma ngħatax l-importanza mistħoqq għaliex il-Kunsill ma ssemma mkien. Il-Kunsill ħareġ eluf ta' ewro u huwa inġust min qed jipprova jnessi dan. Għalhekk ippropona li l-Kunsill jagħmel talba lill-gvern, lill- Prim Ministru, l-Ministru tal-Lands u l-Ministru għal Għawdex sabiex il-Gvern jesproprja l-art ta' Hondoq biex fiha jsir park nazzjonali għal Għawdex. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak:

71.5.21 Ressqet talba għal-double yellow lines faċċata ta propjeta bil-garaxx fi Triq Papa Piu VII minħabba li r-resident qed isiba diffiċli biex jikser mill-garaxx tiegħu. Is-Sindku nfurmha li diġa kien hemm double yellow lines u forsi jridu jerġgħu jinżebħu. Kien hemm qbil li jerġgħu jinżebħu u jekk hemm bżonn estensjoni tagħhom tintalab talba lil TM.

Ressqet talba għal repainting ta' double yellow lines fin-nizla ta' daħlet Qorrot.

71.5.22 Semmiet li hemm bżonn ta' tindifa fi triq l-isquq ta' fejn il-mużew tal-folk.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

71.5.23 Semmiet in-numri tas-Sqaqin u s-Segretarju Eżekuttiv infurmata li se tkun qed taħdem fuqhom fil-ġimgħat li ġejjin. Diġa tkellmet mal-Perita Mariella Xuereb dwarhom.

71.5.24 Staqsiet dwar żviluppi fil-petition tal-buses. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmata li għadna ma rċivejna l-ebda risposta.

71.5.25 Ipproponiet ħarġa għall-Birgu Fest u Hamrun Chocolate Festival li jsiru f'Settembru. Kien hemm qbil li ssir Bus diretta li tibqa ġejja magħhom u n-nies iħallsu prezz sussidjat.

71.5.26 Staqsiet dwar żvilluppi fil-korsijiet tal-macrame' u s-Segretarju Eżekuttiv tat update tan-numri li applikaw u l-ġranet li jistgħu jsiru.

71.5.27 Staqsiet dwar l-Exterminator u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri li l-kuntratt li dawn kellhom mall-kunsilli ġie fi tmiemu u qabel ma jiġi ffirmat kuntratt ġdid ma jistgħux jkomplu bis-servizz. Se jkunu qed jinfurmawna dwar l-iżviluppi.

71.5.28 Ssuġġeriet li jitwaħħlu tabelli li jindikaw l-ispeed limit fit-toroq tal-Qala. Se tkun qed tintbgħat it-talba lil TM.

71.5.29 Ssuġġeriet li nressqu t-talba lil Joseph Cauchi biex ituna dekorazzjonijiet tal-Milied li jistgħu jitpoġġew fil-pjazza għal żmien il-Milied. Kien hemm qbil u se titressaq it-talba lil Direttur Ġenerali.

71.5.30 Semmiet il-bżonn li titnaddaf Triq il-Forn. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta dan.

71.5.31 Semmiet li hemm residenta mill-Qala li tixtieq tagħmel korsijiet tal-Yoga b'xejn fil-Qala. Kien hemm qbil unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil Kunsilliera Valerie C Mejlak biex tinfurmana bid-data li tixtieq ħalli jkun jista jsir.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet ukoll li għandha talba minn numru ta' residenti sabiex isir kors tal-bizzilla fil-Qala u ssuġġeriet li nitolbu lill Frances Buttiġieg biex naraw tistax toffri dan il-kors tal-bizzilla. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ irtiera mil-laqgħa waqt li dan ġie diskuss. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir l-kors tal-bizzilla u jiġi ffinanzjat mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet ukoll il-korsijiet tal-macrame, fejn is-Sinj Alda Bugeja qed titlob €60 għal kull lezzjoni u xtaqet tagħmel żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hi qed tinsisti li mill-MGOZ qalula li lesti li jkopru għal-ispejjeż pero bil-mitkub ma għandha xejn u qaltli biex nistaqsi lill-Kunsillier J. Buttigieg. Il-Kunsillier J Buttigieg qal li hu ma jaf b'xejn u ħadd ma tkellem miegħu dwar dan. Wara li din il-materja ġiet diskussa kien hemm qbil li ma nistgħux nkopru għal ispejjeż ta' €60 kull lezzjoni u għalhekk ġie maqbul li noffru €30 ewro għal kull lezzjoni bil-materjal inkluż, li jrid ikun fiha mill-anqas 8 studenti. Fl-eventwalita' li l-istudenti jonqsu l-kors ma jitkompliex.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

71.5.32 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak semmiet dwar ix-xewqa tar-residenti li jsir il-kors tal-patchwork fil-Qala. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmata li diġa ppruvat ħafna sabiex tirranġa li l-kors jsir il-Qala, pero' minħabba li l-Kunsill tal-Qala ma kienx applika għal-lifelong learning courses, ma aċċettawx li dan jiġi relokat mir-Rabat għal-Qala minħabba li l-istudenti kienu diġa ħallsu biex imorru ir-Rabat.

71.5.33 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak staqsiet jekk hemmx zviluppi dwar l-arblu tas-solar light u ta' Forti ta' Sant Antnin. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat l-istimi sew għal-arblu kif ukoll għall-bozoz ta' Forti ta' Sant Antnin. Kien hemm qbil unanimu biex isir dan ix-xogħol u l-istimi ġew approvati unanimament.

71.5.34 Staqsiet dwar l-garbage pole fi Trejqet ta' Hatar għaliex għadu ma sarx. Is-Sindku nfurmha li kienet qaltlu li r-rubbish ta' fuq il-bankina ġiet solvuta. Infurmha li se jieħu ħsieb li ssir u se jċemplilha hu. Staqsiet ukoll dwar il-bankijiet u l-pots fi Triq il-Barbagan. Is-Sindku semma li hemm possibilta li se joffrulna pots bis-siġar lesti u jieħdu ħsiebhom. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak u Karl Buttiġieġ semmew li diġa kien miftiehem li se jitpoġġew il-pots li hemm fi Ġnien il-Familja. Qablu li għandhom jitpoġġew li hemm fi Ġnien il-Familja. Staqsiet ukoll meta se jsiru l-plakki tal-mosaic fl-istess post.

## 71.7 Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena u approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2021.

71.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena 2023 kif ukoll l-Audited Financial Statements għas-sena 2021 li ġew approvati unanimament.

## 71.8 Qala International Folk Festival

71.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri li kien hemm grupp wieħed barrani li kkonfermaw li ġejjin, li huwa minn Poland. Il-Grupp l-ieħor ma wasalx biex jiġu minħabba li ma ngħatawx fondi. Għamilt kuntatt ma grupp ieħor li rnexxili nsib online pero mir-ritratti, ż-żifna tagħhom ma tidirx li hija ta' livell u għalhekk minħabba li għamel iż-żmien ma stajniex nkomplu nistennew għall-videos. Kellemnna wkoll residenta mill-Qala li hija għalliema ta' zfin ġo skola f'Malta. Uritna videos verament sbieħ ta' żfin Spanjol pero minħabba li ma kinux avżati qabel, kien diffiċli biex jieħdu sehem. Is-Sindku semma li minkejja li kien ilha li bagħtitlu l-videos ma kellemiex minħabba li kien mingħalih li se jkollna l-grouppi barranin. Se tkun qed tibgħatilna videos u aktar informazzjoni b'email ħalli nkunu nistgħu nikkunsidrawha għal darba oħra u anka għal-attivitajiet oħrajn. Hi tixtieq ukoll illi toffri korsijiet taż-żfin fil-Qala stess.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat draft tal-programm tal-QIFF wara li tkellmet ma' Gorg Zahra. Ġie diskuss il-kontenut u l-lista ta' parteċipanti filwaqt li l-compare se jkun



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Joseph Abela. Kien hemm qbil mal-kontenut u għalhekk ser jintbgħat il-Ministeru għal-proofing.

Ġiet diskussa l-ikla tradizzjonali li ssir il-Ġimgħa, 15ta' Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li filwaqt li taqbel illi għandna ngħinu kemm nistgħu lill għaqdiet lokali hemm tresholds finanzjarji li rridu nimxu magħhom. Kien hemm diskussjoni dwar is-servizz li l-kunsill ingħata fl-ikliet li saru mill-Għaqda tan-Nar, liema servizz ma kienx daqshekk tajjeb. Ġie maqbul li min jidħol għall-biċċa xogħol irid ikollu biex jaħdem. Mhux aċċettabli li l-ikel ikun kiesaħ u li servizz ma jkunx hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li l-grupp tat-taljani li ġew extra qalulna li mhumiex se jħallsu għall-ikel minħabba li l-prezz kien għoli ħafna għal platt wieħed. Is-Segretarju Eżekuttiv Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-kunsill kien qed jkopri d-drinks, l-kera tas-siġġijiet u l-imwejjed, l-ġbir tal-iskart li jitħallsu mill-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv issuġġeriet li tinħareġ expression of interest u jinġabru l-kwotazzjonijiet mingħand kull min jixtieq joffri s-servizz tal-ikla. Tingħata mportanza wkoll lis-servizz flimkien mal-Menu. B'hekk kulħadd ikollu l-istess opportunita'. Kien hemm qbil unanimu sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet għall-ikla tradizzjonali tal-QIFF 2023.

## 71.9 Vakanza ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u Ħaddiema tal-Kunsill

71.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li kull Kunsill irid ikollu Deputat Segretarju Eżekuttiv ħalli f'każ ta' nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill ikun jista jibqa jiffunzjona. Għalhekk staqsiet lill-membri jekk iridux jinnominaw lil xi ħadd li idejalment jkun Segretarju Eżekuttiv f'Kunsill ieħor. Madanakollu jista wkoll ikun uffiċċjal f'kunsill li qiegħed fi skala 11 l'fuq. Il-Kunsilliera ma nnominaw lil ħadd. Għalhekk kien hemm qbil li f'każ li ma jinstabx Segretarju Eżekuttiv minn kunsill ieħor, il-Kunsill tal-Qala joħroġ sejħa għal-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

Bħal ma nfurmakhom s-Sindku aktar kmieni, żewġ ħaddiema tal-Kunsill li kienu jagħmlu xogħolijiet fit-toroq irtiraw. Fil-fatt xtrajna plakka bħala rigal ta' ringrazzjament li tajna lil Leli Bartolo waqt riċeviment zgħir li organizza għalina lkoll fil-kunsill. Is-sitwazzjoni issa hija waħda diffiċli minħabba li ma hawn ħadd li jista jmur jagħmel xogħol fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li sfortunatament minħabba dan in-nuqqas ta' ħaddiema, jekk il-Ministeru ma jallokax ħaddiema fil-kunsill, se jkollna nqabbdu kuntrattur sabiex ix-xogħoljiet fit-toroq ma jieqfux. Ma jistax ikun illi x-xogħol jieqaf u lanqas hu ġust li rridu nħallsu għal kollox mill-fondi tal-kunsill meta kunsilli oħra għandhom ħafna ħaddiema mill-Ministeru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li se tkun qed titkellem mal-locality assistant Joseph Sancto sabiex tara jekk jistax izid ftit



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

siegħat ta' xogħol. Kien hemm qbil unanimu sabiex f'każ ta' bżonn jitqabbad kuntrattur u jingħata Contract for Service.

## 71.10 Rapport tal-Bord tal-Għażla dwar il-Vakanza ta' Uffiċċjal Eżekuttiv

71.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport tal-bord tal-Għażla, fejn attendew żewġ kandidati għall-interviews. Il-Kunsill issa qiegħed fil-proċess li jirċievi l-approvazzjoni min-naħa tal-Job Plus fejn trid tikkonferma l-eligibilty tal-kandidata u malli tirċievi li l-konformita' tkun tista tmexxi bil-kuntratt. Il-Kunsill approva unanimament r-rapport tal-bord tal-għażla.

## 71.11 Ħruġ u Għoti ta' Offerti u Rapporti ta' Evalwazzjoni

71.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rapporti ta' evalwazzjoni ppreparati mill-bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill dwar:

*Tender for Street Sweeping and Cleaning of Urban Roads using low emission service vehicle (QLLC/04/2023)*

Kien hemm offerta waħda u l-bord ta' evalwazzjoni jirrakomanda li s-sejħa tiġi kkanċellata minħabba li ma kien hemm ebda offerta li tilħaq il-kriterji stabbiliti fis-sejħa għall-offerti. Kien hemm qbil unanimu u r-rapport ġie approvat.

*Tender for the Services of a locality Assistant (QLLC/01/2023)*

Kien hemm żewġ offerti u l-bord ta' evalwazzjoni jirrakomanda li s-sejħa tiġi kkanċellata minħabba li li ma kien hemm ebda offerta li tilħaq il-kriterji kollha stabbiliti fis-sejħa għall-offerti. Kien hemm qbil unanimu u r-rapport ġie approvat.

*Tender for the Collection of Bulky Refuse in an Environmentally Friendly Manner (QLLC/02/2023)*

Kien hemm tlett offerti. Ġiet diskussa s-sitwazzjoni preżenti fejn qed ikollna problema kbira ta' skart goff mitluq mal-lokalita' u servizz ta' darba fil-ġimgħa ma hux biżżejjed biex ilaħħaq mal-eżiġenzi li qed naffaċċjaw. Għalhekk neħtieġu li jkollna servizz li jkopri wkoll l-esiġenzi *on call*. Ġie diskuss li mhux idejali li jkollna żewġ operaturi imma operator wieħed li jkopri ż-żewġ esiġenzi. Għalhekk kien hemm qbil unanimu li t-tender tiġi kkanċċellata u terġa toħroġ oħra li tkopri għal dawn l-eżiġenzi tal-Kunsill.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 71.12 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Imenti u Suġġerimenti

71.12.1 Talba mingħand resident sabiex isiru l-linji sofor kif ukoll kurduna fi Triq Simar, Qala. Kien hemm qbil dwar dan.

71.12.2 Irċivejna l-invit uffiċċjali mingħand il-Banda ta' Salina fejn qed jospitaw lill-Kunsill tal-Qala biex iżur Frazzano f'data li għad triq tiġi maqbula matul is-sena 2024. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

71.12.3 Tweġiba minn Transport Malta għat-talba tal-kunsill sabiex il-bus stop li hemm fi Triq il-Wileġ titpoġġa fil-post oriġinali tagħha. TM infurmawna li l-Kunsill kien diġà talab sabiex tiġi rilokata għal ħdejn is-substation. Il-Kunsill qabel li din għandha titpoġġa fil-post kif indikat minn TM.

71.12.4 Talba mingħand Għaqda Briju sabiex isir CCTV camera mar-roundabout fejn sar l-arblu l-ġdid. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut.

71.12.5 Talba mingħand l-Għaqda Armar Qala sabiex it-Triq 28ta' April 1688 tinżamm magħluqa bejn it-3 u s-6 ta' Awwissu 2023. Dan sabiex jiġi evitat li jsiru ħsarat fuq l-armar. Il-Kunsill ħa ħsieb li t-triq tinżamm magħluqa.

71.12.6 Imejl bi tweġiba għar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali Qala relatata mat-twaqqif ta' Mużew dwar l-inbid u l-industrija tal-Vinikultura fil-konfini tal-Qala.

71.12.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li tħallset il-life policy tal-membri. IL-Kunsill ħa nota ta' dan.

71.12.8 Imejl mingħand is-Sur David Bezzina dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Bejn Storja u oħra' li jittratta lil Anton Buttigieg. Bħala bin il-Qala, qed joffri prezz speċjali għal kunsill tal-Qala, dak ta' €20 flok €27 għal kull ktieb. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru 8 kopji.,

71.12.9 B'referenza għat-talba tal-Kunsillier Karl Buttigieg, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kopja tat-tweġiba mill-kunsill lis-Sur Mark Agius dwar PA793/22.

71.12.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li bħal ma sar fi snin l-imgħoddija ħadet ħsieb sabiex il-latrina pubblika tinżamm nadifa matul il-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

jiem tal-festa. Ix-xogħol ta' tindif sar mill-ħaddiem tal-kunsill Charlie Buttigieg u Bishnu Neupane li se jkunu qed jitħallsu għas-sigħat li ħadmu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

71.12.11 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li dwar it-talba għal informazzjoni fuq is-cctv camera li tinsab f' Wied Grejbel, mressqa mil-Kunsilliera V. C. Mejlak, intbgħatet imejl lil Kunsill tan-Nadur però ma rċevietx risposta. Minħabba li tinsab ġo propjetà privata wieħed irid jara x'jista jsir u se tkun qed tiddiskuti dan mal-pulizija tal-Komunita.

71.12.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li wara l-laqgħa li nżammet fil-kunsill, mas-Sur Joseph Bezzina mill-Energy and Water Agency, il-Ġimgħa, 28ta' Lulju, irċivejna r-rapport li jinkludi l-erbgħa postiijiet li ġew identifikati fuq suġġerimenti tal-Kunsill. Il-Kunsill se jkun qed jibgħat in-No objection għal dawn il-postijiet.

71.12.13 Komunikat dwar iż-żoni ta' parkeġġ riservat għall-Go To fejn wara laqgħa bejn il-President tal-AKL u CEO ta' TM, ġie deċiż li dawn l-ispażji ta' parkeġġ jistgħu jintużaw jekk il-kunsill jieħu ħsieb li jgħatti t-tabelli tal-GO TO. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

71.12.14 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Exterminator għadhom ma humiex f'pozizzjoni li jipprovdu s-servizz tagħhom minħabba li qed jistennew biex jiffirmaw kuntratt ġdid. Il-Kunsill ħadu nota ta' dan.

71.12.15 Imejl mingħand is-Sur Roberto Agius b'informazzjoni dwar il-possibilta' li l-Kunsill jwettaq proġetti b'kollaborazzjoni mall-Housing Development Fund. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill urha l-interess tiegħu u talab għal aktar informazzjoni. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

71.12.16 Imejl mingħand Joe M Attard dwar il-possibilita li l-kunsill jixtri l-ktieb tal-poeżiji dwar il-poeżiji fuq Għawdex għal prezz ta' €10. Il-Kunsill ħa nota dan.

71.12.17 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li rċeviet mingħad residenti sabiex isir kors tal-bizzilla. Il-membri qablu unanimament sabiex il-kors isir b'xejn għar-residenti.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

71.12.18 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ritratti ta' Qolla sabiex tintgħażel waħda li tkun tista titpoġġa fir-roundabout ta' Triq ta' Ċini. Se nkunu qed nġibu waħda żgħira bħal dik li kien hemm.

71.12.19 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jekk hemm qbil tissejjaħ laqgħa mal-Onorevoli Ministru għal Għawdex, Clint Camilleri, sabiex il-Kunsill jiddiskuti s-sitwazzjoni ta' Triq Mġarr Road speċjalment meta tkun ix-xita. Il-Kunsill qabel unanimament.

71.12.20 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għad-diskussjoni l-possibilta li nitolbu lid-DLG għal bdil ta' attività Kulturali 2023/2024 li kienet relatata mal-QIFF. Minħabba li l-Kunsill se jkun qed jibbenifika minn skema tal-Ministeru Għal Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġeriet li ntellgħu attivita' li tolqot lill-familja kollha, bħal 'Family Fun Day'. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

71.12.21 Talba mingħand residenta sabiex isiru l-linji sofor quddiem għalqa tagħha F'Hondoq.

71.12.22 Imejl mingħand il-Gvern Lokali dwar seduta parlamentari taż-Żgħażagħ marbuta mat-30 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jinnomina żagħżugħ/a bejn il-15 u l-15 sena biex tippartecipa f'din is-seduta. Kien hemm qbil li l-membri jikkomunikaw mas-Segretarju Eżekuttiv dwar in-nomina tagħhom.

71.12.23 Korrispondenza dwar it-Tielet sejħa għall-Miżura 4 – GAG 4 – Rejuvinating Gozo taħt il-programm LEADER 2014-2020. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

71.12.24 Korrispondenza mill-AKL dwar avvenimenti temporanji li fihom jkun qed jintramaw stalls tal-ikel. Kull min ikun se jarma stall tal-ikel irid jimla applikazzjoni u tintbagħat lill-Health. Se tkun qed tingħata waħda ma kull permess li jinħareġ mill-Kunsill.

71.12.25 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat digriet dwar PA8900/20 – Kunsill Lokali Qala kontra l-Awtorita tal-Ippjanr u l-kjamat in kawża KArkanja Developments LTs. L-appell ġie milqugħ u l-kawża se tinstemax fl-10ta' Ottubru 2023 għat-tratazzjoni finali.

71.12.26 Kwotazzjonijiet:



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

a) Irċivejna l-kwotazzjonijiet għall-knis waqt il-ġranet tal-festa 2023.
1- €2850 (Vat eskluż) – Kumitat tan-Nar, Qala
2- € 3448 (Vat eskluż) – Sultech
Għalhekk il-knis sar skont l-aktar offerta vantaġġjuza. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

b) Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li rċevit il-kwotazzjonijiet għal-akkwist u twaħħil tal-arblu għall-bozza solar, kif ukoll għall-fanali ta Triq Sant Antnin

Stima tal-arblu ta' 6 metri u x-xogħolijiet - €1461.43
Stima tal-arblu ta' 9 metri u x-xogħolijiet – €1697.43
Stima għall-fanali u x-xogħolijiet ta' Triq Forti Sant Antnin-€3043.52

Kien hemm qbil unanimu sabiex dan ix-xogħol isir u għalhekk hemm qbil li nimxu mal-aktar offerta vantaġġjuża u konformi mar-rekwiżiti.

c) Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri dwar tlett kwotazzjonijiet sabiex isir ix-xogħol ta' printed concrete fir-roundabouts ta'.

Gatt Construction - €4435
Vella Bros - €3500
Gatt Group - €3800
Kien hemm qbil unanimu sabiex dan ix-xogħol isir u għalhekk hemm qbil li nimxu mal-aktar offerta vantaġġjuża u konformi mar-rekwiżiti.

71.12.27 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat erba' expenditure lists relatati mal-Konferenza Nessie, mal-attivitajiet li saru b'kolloaborazzjoni fi żmien il-festa, mal-Lejla Għawdxija kif ukoll mall-ġemellaġġ mill-Banda ta' Salina. Il-Kunsill ħa nota ta' dawn.

71.12.28 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-bżonn illi l-kunsill ikollu reserved parking quddiem il-kunsill, kif intitolat lilu. Dan huwa bżonn sabiex it-trukk tal-Kunsill ikollu fejn jiġi pparkjat kif ukoll sabiex il-ħaddiema tal-kunsill ikunu jistgħu iħottu xogħolijiet minn u lejn il-kunsill. Għalhekk, kien hemm qbil unanimu sabiex tintbagħat it-talba lil TM sabiex il-blue badge parking li preżentament illum jinsab quddiem l-entrata tal-kunsill jiġi rilokat għal-post alternattiv. Il-Parking riservat tal-kunsill għandu jħalli l-aċċess għall-persuni b'dizabilta u aċċess miftuħ għas-sala tal-Komunita'



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

minħabba li preżentament, persuna b'siġġu tar-roti ma jkunx jista jaċċessa l-istess sala liberament.

71.12.29 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet it-talba ta' residenta li qed titlob li tissewwa l-bankina tagħha li tkissret mit-trukkijiet ta kostruzzjoni. Rizultat ta' dan il-propjeta tagħha qed tintela bl-ilma. Kien hemm qbil unanimu sabiex issir it-tiswija neċessarja.

71.12.30 Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li jsiru żewġ cat houses sabiex jitpoġġew fir-raħal, waħda fuq il-wileġ u oħra fi Triq Patri Piju VII. Kien hemm qbil unanimu sabiex issir it-talba lill-Ministeru Għal Għawdex.

## 71.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

71.13.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 7/2023 għal perjodu ta' bejn is-27 ta' Ġunju 2023 u t-8 ta' Awwissu 2023 li tammonta għal €71,954.14 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xahar ta' Lulju 2023.

## 71.14 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

71.14.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-19.30pm. Intlaħaq qbil fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru 2023, fl-4:30pm, b'aġenda li tiġi kkomunikata aktar il-quddiem.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt